MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Numru. 193/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Paul Bond]**

**vs**

**Mario West**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario West ta' 47 sena, imwieled tal-Pieta` fit-18 ta' Awwissu 1961, iben Edward u Doris née Borg, residenti Block 'A', Flat 4, Triq il-Harruba, Mgarr detentur tal-karta tal-identita` numru 540561(M).

Akkuzat talli nhar l-1 ta' Marzu 2010, ghal habta tat-3.00 p.m.:
Dahal fil-fond 55, Triq il-Harifa, Mosta, billi sgassa l-bieb ta' barra u waqt li kien gewwa kkommetta serq ta' oggetti li jikkonsistu f'pompa tal-ilma, kaxxa mimlija bl-ghodda, sega, invell, silicon gun, driller u cilindru tal-gas li l-valur

tagghom jaccedi l-232 Ewro izda inqas minn 2329 Ewro, liema serq hu ggravat bil-mezz, valur u lok u dan ghad-dannu ta' Joseph Schembri mill-Mosta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-istess imputat li regghet giet ikkonfermata minnu stess u wara li rat il-fedina penali tieghu, li hija netta u li kkopera bis-shih mal-pulizija.
Ghal dawn il-motivi:
U wara li rat l-Artikolu 263, 267 u 269 tal-Kap. 9 ssibu hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------